# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 116/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Johann J. Fenech)

vs

**Simon Camilleri**

iben Carmel, imwieled Pieta', fit-22 ta' Awwissu, 1988, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 392888(M)

Illum 23 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Simon Camilleri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fix-xahar ta' Lulju 2008, f'dawn il-Gzejjer:-

a) Ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, ibiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-

Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-7 ta' Marzu, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-
l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1B) u 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avviż Legali 22/1985, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundanntu għal **piena ta' tmien (8) xhur priġunerija effettiva** u għal **multa ta' seba' mitt Euro (€700)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament għandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-piena karċerarċja li qed tiġi b'din is-sentenza erogata, u għal dan il-fini r-Reġistratur għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data. Pero' jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Stante illi ma ġew maħtura l-ebda esperti f'dawn il-proċeduri, l-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Simon Camilleri minnu ppreżentat fl-20 ta' Marzu, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell billi TĦASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata fejn sabet lil l-appellant ħati tal-unika imputazzjoni miġjuba fil-konfronti tiegħu u konsegwentement TILLIBERAĦ minnha; alternattivament, TVARJA l-piena nflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-fatti speċi tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa msejjes fuq il-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiema, u senjatament meta emmnet kompelatament il-verżjoni ta' l-**unika xhud** f'dawn il-proċeduri, u cioe ta' Rachel Abdilla, u skartat kompletament ix-xhieda tal-appellant, illi fl-ebda ħin ma ġiet kontradetta b'ebda prova oħra.

Filfatt jirriżulta mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, illi Abdilla damet ben sentejn sabiex tipprovdi aktar infomazzjoni dwar l-persuna illi allegatament għaddietielha l-pilloli. Ir-raġuni, għalfejn hija pruvat tindika persuna bħala fornitur ta' dawn is-sitt pilloli, huwa ovju, għax kif irriżulta mill-provi prodotti, hija sa mill-bidu nett kienet taf illi jekk tindika persuna, l-piena tagħha kienet se tiġi ridotta. Filfatt, il-piena tagħha ġiet vera ridotta drastikament, għax filfatt għalkhemm instabet ħatja ta' traffikar ta' droga, u nonostante l'fatt illi minħabba fiha, persuna waqa *overdose,* hija weħlet biss terminu ta' xahrejn priġunerija. Għalhekk kien fl-interess tagħha illi tipprova tindika lil xi ħadd.

Inoltre, l-fatt illi hija kienet konsistenti fix-xhieda tagħha, kif tirrimarka l-Ewwel Onorabbli Qorti, ma jfissirx illi hija kienet neċessarjament qed tgħid il-verita, l-aktar fin-nuqqas ta' provi oħra illi jikkoraboraw il-verżjoni tagħha. L-iktar fatt illi l-appellant iqis stramb u cioe mhux kredibbli xejn, meta fix-xhieda tagħha tgħid, illi hija ċemplet lil appellant biex tara jekk kellux droga jew jekk kienx jaf minn fejn tista' ssib droga, meta hija stess tgħid illi lil l-appellant ma kenitx tafu bħala persuna jħawwad, u li qatt ma kienet ddiskutiet droga miegħu. L-anqas in-numru tal-*mowbajl* tiegħu ma ftakret sew. Jidher għalhekk illi x-xhud bdiet tiftakar biss, dak li seta jaqbel lilha.

Jiġi umilment sottomess, illi fin-nuqqas ta' provi oħra, u cioe bħal eżempju xi messaġġi, jew xi tip ta' prova oħra ta' konessjoni ta' l-appellant ma droga, l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet issib ħtija a bażi ta' depozizzjoni ta' xhud wieħed. Inoltre, l-fatt illi l-appellant ma kienx jaf jagħti raġuni għalfejn Abdilla indikat lilu, ma jikostitwixxu ebda prova kontrih.

Fit-tieni lok, ssir referenza għal fatt, li anke l-Ewwel Qorti jidher li tat ċertu importanza fil-konsiderazzjonijiet tagħha, u cioe l'fatt illi il-prosekuzzjoni ma ezebietx id-droga allegatament involuta f'dan il-każ. Il-Qorti kompliet tgħid, u dan wara illi anke għamlet referenza għal xi

każistika, illi ladarba l-prosekuzzjoni kienet fl-impossibilita illi tipproduċi d-droga involuta, minħabba illi din kienet ġiet disponuta, hija bħala Qorti, xorta ma kellha ebda dubju illi l-pilloli ivoluti kienu filfatt droga ikkontrollata bil-liġi, u dan peress illi kemm mix-xhieda ta' Abdilla, kif ukoll mix-xhieda tal-Ispettur Fenech, irriżulta illi persuna kien waqa' *overdose*.

Bir-rispett kollu, l-appellant ma jaqbel xejn ma dan ir-raġunament, u dan peress illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi l-aqwa prova li kellha fil-pussess tagħha. Jirriżulta filfatt illi l-prosekuzzjoni mhux tali ma eżebew ebda droga, għax forsi wieħed jista' jikkonċedi illi setgħu kienu fl-impossibilita li jagħmlu dan fiċ-ċirkostanzi tal-każ, talli lanqas almenu ma ġabu l-provi kollha li kellhom f' idejhom, u cioe l-evidenza illi persuna waqgħet *overdose* ***konsegwenza diretta*** **tal-pilloli li allegatament l-istess appellant għadda lil Abdilla. Għalhekk huwa evidenti illi l-prosekuzzjoni ċertament naqset milli tressaq dawk il-provi li setgħu iwasslu lil l-Ewwel Qorti għal konvinċiment morali illi Zammit waqa' overdose konsegwenza ta' traffikar ta' droga ta' l-appellant.**

L-appellant umilment jissotometti illi x-xhieda ta' Abdilla u ta' l-Ispettur Fenech, u cioe illi xehdu illi Zammit kien waqa *overdose* konsegwenza ta' traffikar ta' droga da parti ta' l-appellant, mhux prova inekvivoka u sħiħa sabiex l-Ewwel Qorti setgħet issib ħtija fl-appellant, u dan **lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni**. Filfatt, meta wieħed jikkonsidra l-assjem tal-provi, ma jirriżultax ness ċar bejn l-appellant, Abdilla u Zammit, għax lanqas ma ġiet almenu eżibita s-sentenza li ingħatat fil-konfront ta' Abdilla, li almenu kienet tikostitwixxi prova ċara li almenu kien hemm konessjoni bejn Abdilla u Zammit. Lanqas l-istess Zammit ma ttella jixhed. Fin-nuqqas ta' tali provi konkreti, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt għalhekk issib lil l-appellant ħati.

Fi kliem ieħor, n-nuqqas ta' tali prova, il-Qorti qatt ma setgħet legalment u raġonevolment, tikkonkludi illi l-pilloli illi l-appellant kien allegatament għadda lil Abdilla, dejjem jekk wieħed jikkonċedi illi huwa vera għamel hekk, kienu filfatt ġew mgħoddija lil Zammit, li filfatt waqa *overdose*.

Jiġi umilment sottomess, u dan mingħajr ebda tlaqliq, illi l-appellant jikkonsidra li dan huwa nuqqas serjissimu da parti tal-prosekuzzjoni, li jidher illi l-Ewwel Qorti skartat kompletament. Illi għalhekk zġur illi ma ġiex sodisfatt il-prinċipju kardinali tal-kamp kriminali illi sabiex ikun hemm sejbien ta'ħtija l-Prosekuzzjoni trid neċessarjament iġġib u tippreżenta l-aqwa prova li jkollha fil-pussess tagħha. Tant hu hekk illi l-prosekuzzjoni tentuta tippreżenta KULL prova - kemm dik favur u kemm kontra.

Il-'*best evidence rule*' hija riprodotta fil-Liġi tagħna fl- Artiklu 638 tal-Kap 9 fejn is-sub Artiklu 1 jgħid: *"Bħala regola għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti u li ma titħalla barra ebda xhud li x-xhieda tiegħu tkun importanti"*.

Għalkemm jekk wieħed jifli l-ġurisprudenza nostrana, wieħed jista' faċilment jikkonkludi illi l-Qrati tagħna, almenu riċentement, qed jieħdu l-linja Ingliza, u cioe illi mhux biss l-aħjar prova, iżda kwalunkwe prova rilevanti għandha tkun preżentata, f'dan il-każ, ċertament illi x-xhieda ta'Abdilla, kif ukoll ta' l-Uffiċjal Prosekutur f'dawn il-proċeduri, ma jistgħux jagħmlu tajjeb, u jissostitwixxu dan in-nuqqas. Dan peress illi f'dan il-każ, il-Qorti ma setgħet qatt tasal għal-konvinċiment morali, illi hawn si tratta ta' droga. *Dato ma non concesso* illi l-imputat veru traffika xi sustanza dak in-nhar, wieħed ma jistax ikun moralment konvint illi dik kienet susutanza illeċita. Filfatt din hija propju r-raġuni għalfejn, kwalunkwe droga ezebita, tiġi eżaminata minn l-esperti, sabiex wieħed jiddetermina jekk fl-istess sustanza kienx hemm sustanza kontrollata bil-liġi jew le. ***Come di fatti*** **jekk per eżempju persuna tinsab fil-pussess ta'sostanza suspettata illegali, u wara li jsiru t-testijiet forensiċi, jirriżulta illi effettivament din ma kien fiha ebda sustanza kontrollata fil-liġi, allura l-persuna jkollha bilfors tiġi liberata.**

Konsegwentement, f'dan il-każ, la darba ma ġietx eżebita droga, u lanqas ma nġabet ebda prova oħra li l-Prosekuzzjoni seta kellha fil-pussess tagħha, ebda Qorti ma jista' jkollha l-konvinċiment morali illi hawn veru *si tratta* ta'droga.

It-tielet aggravju ta' l-appellant jikkonċerna l-piena inflitta fuqu. Meta wieħed jikkonsidra illi l-ammont involut, illi lanqas tiegħu ma saret ebda prova, kien *in ogni caso* wieħed minimu,

allegatament konsisteni biss f' sitt pilloli *ecstasy* u meta wieħed jikkonisdra ukoll l-fatt ukoll illi kif tgħid ix-xhud Abdilla stess (la darba wieħed jiddeċiedi li għandha tiġi emnuta) li dan kien biss inċident ta' darba, allura l-piena ta' sitt xhur priġunerija li mhux fil-minimu, hija waħda eċċessiva. Dan qed jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt illi b' applikazzjoni ta' l-Artikolu 29, Abdilla, li ħabba fiha waqa persuna *overdose*, weħlet biss **xahrejn priġunerija.** Fi kliem ieħor, li kieku l-Qorti ma applikatx id-depozzizzjoni ta' l-Artikolu 29 tal-Kap 101 fil-konfronti tagħha, allura hija wkoll kienet teħħl sitt (6) xhur prigunerija.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Ili dan l-appell huwa bbażat fuq l-apprezzament ta' provi li sar mill-Ewwel Qorti.

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għal konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wieħed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deċiża fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deċiża fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deċiża fit-12 ta' Mejju, 1994;

Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deċiża fis-6 ta' Gunju, 1994;

Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deċiża fit-28 ta' April, 1995;

Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deċiża fit-3 ta' Novembru, 1995; u

Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef deċiża fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.

Illi magħmula din il-konsiderazzjoni wieħed għandu biex jgħaddi għall-eżami tal-aggravji tar-rikorrenti u jagħmel analiżi tagħhom.

**L-ewwel aggravju mressaq mill-appellant jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti straħet fuq xhud wieħed.**

Ili l-unika prova li hemm kontra l-appellant hija senjatament ix-xhieda ta' Rachel Abdilla li kienet indikat lil appellant bħala dak li kien bigħhilha d-droga xi jumejn qabel il-*party* li riedet tmur.

Illi x-xhud kienet għamlet sentejn biex ikkonfermat effetivament min kien bigħhilha d-droga **bil-ġurament** pero' kif anke ikkonfermat l-Ewwel Qorti hija kienet semmiet lil appellant fl-istqarrija tagħha tat-18 ta' Lulju, 2008. Hija tagħti d-dettalji ta' kemm kienet ħalset għalihom is-sitt pilloli, tat -in-numru tal-mowbajl tal-appellant u qalet li kienet l-ewwel darba li kienet xtrat mingħandu. (Fol 27) Meta mistoqsija jekk tikkonfermax l-istqarrija bil-ġurament hija tgħid li ' *Le għax dawn nies li jaslu'*. (Fol 27).

Għadda ż-żmien u xtaqet tikkonferma l-istqarrija bil-ġurament wara li kienet ħadet parir mingħand l-avukat tagħha għax saret taf li jekk tikkonfermaha bil-ġurament il-piena tagħha tiġi ridotta. Hija għażlet li tkellem lil ispettur u tikkonferma l-istqarrija bil-ġurament fit-3 ta' Frar, 2010.

Fit-tieni stqarrija hija tikkonferma bil-ġurament u anke tagħti kunjom l-appellant, tagħrfu minn fuq ritratt u tgħid li qatt ma reġgħet kellmitu minn mindu xtrat dawk is-sitt pilloli.

Illi l-Ewwel Qorti semgħet anke r-rekordings tal-istess xhud peress li ma kinitx xehdet quddiemha.

**L-Artikolu 638 tal- Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

*(1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.*

*(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

Skont l-Artikolu 638(2) ix-xhieda ta' Rachel Abdilla hija bizzjjed bħala prova u dan jiġi in oltre imsaħħaħ permezz tal-artikolu 30 u 30 A tal- Kap 101.

Ix-xhud Rachel Abdilla dejjem xehdet b'mod koerenti u konsistenti għall-aħħar u meta telgħet tixhed quddiem l-Ewwel Qorti fil-25 ta' Jannar , 2013 (Fol 36-60) fejn ma ftakritx peress li kienu għaddew fuq erbgħa snin mill-akkadut, kienet sinċiera u qalet li ma tiftakarx. Meta wieħed ikun qed jigbed jibda jħawwad fil-kliem u jitħawwad fi kliemu iżda Abdilla baqgħet konsistenti .

L-appellant fix-xhieda tiegħu ma kien konvinċenti xejn huwa jgħid li semmietu aktarx għax riedet tpattielu għax kellhom relazzjoni intima u waqfet minħabba li sar jaf l-għarus tagħha. Din hija raġuni li ma tagħmilx sens għax iktar kien jagħmel sens li jpattiela hu milli hi għax telqitu minħabba li sar jaf l-għarus. Dan dejjem jekk kien hemm din ir-relazzjoni intima għax ix-xhud qatt ma tagħmel referenza għaliha.

Din il-Qorti ma tarax għalfejn ma għandhiex toqgħod fuq ix-xhieda ta' Rachel Abdilla u taqbel mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti.

Għaldaqstant dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

**It-tieni aggravju jirrigwarda l-fatt li d-droga ma ġietx esebita.**

Inkwantu jirrigwarda l-fatt li d-droga ma ġietx esebita mill-Prosekuzzjoni, wieħed għandu jikkunsidra l-impossibilita' ukoll li tiġi esebita d-droga mixtrija. Fl-istqarrija hija tispjega li kienu 'lovehearts' ħomor. Kienet xtrat sitt *pilloli ecstasy*, erbgħa tathom lil għarus tagħha ta' dak iż-żmien u li spiċċa f'overdose u hi ħadet waħda f' dak il-party, u l-oħra remietha.

Hija tikkonferma kemm fl-istqarrija u kif ukoll fix-xhieda tagħha li darba biss xtrat mingħand l-appellant u l-konnessjoni bejn il-pilloli li kienet xtrat u tat lil għarus tagħha u l-overdose hija evidenti.

**It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena.**

Inkwantu jirrigwarda l-piena, peress li mill-fedina penali tal-appellant jidher li nel fratemp ma kellux akkużi rigwardanti drogi, u jidher li kien incident ta' darba din il-Qorti tħoss li għandu jkun hemm tnaqqis fil-piena.

Għaldaqstant, din il-Qorti tichad l-appell ta' Simon Camilleri dwar il-meritu. Dwar il-piena. Tilqa' l-appell ta' Simon Camilleri. Tħassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' tmien (8) xhur priġunerija u multa ta' sebgħa mitt Ewro (€700) u minflok tikkundanna lill-appellant **għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija u multa ta' (€500)** u li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin (€50) Ewro mid-data li fiha l-ħati li jiskonta s-sentenza erogata , pero' jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Ewro (€35) jew parti minnhom dovuti..